**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 252/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Clint Pace**

**Illum 13 ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Clint Pace**, iben Emmanuel u Antoinette neè Xerri, imwieled il-Pietà fit-3 ta' Frar 1987 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0077987(M):

Talli nhar it-3 ta' Mejju 2022, għall-ħabta ta' 8:00p.m. u fis-siegħat u, jew ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel iżda mhux aktar mill-1 ta' April 2022, ġewwa Marsaskala u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu, u cioè Afton Charlene Borda, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu bl-ismijiet Dale u Lexi Marie, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmija minuri;

U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Afton Charlene Borda tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

3. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Afton Charlene Borda;

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Afton Charlene Borda;

U talli:

5. Kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (a) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Clint Pace a benefiċċju ta' Afton Charlene Borda u it-tfal Dale u Lexi Marie u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' Afton Charlene Borda jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Clint Pace billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għaż-żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Clint Pace b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għaż-żmien li tħoss xieraq; u sabiex il-Qorti (ċ) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Clint Pace għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 34 tal-proċess;

Rat li l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Hayman[2] u ta' Afton Charlene Borda[3] mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2022 u rat id-dokument esebit minn Afton Charlene Borda markat Dok. "AB" a fol. 51 sa' 53 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022[4] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "ST1" u Dok. "ST2" a fol. 60 sa' 64 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Tracey Baldacchino, Risk Assessor, mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2022[5] u x-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2023[6];

Rat id-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront ta' Clint Pace għas-salvagwardja ta' Afton Charlene Borda, datat 24 ta' Ġunju 2022, a fol. 65 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Awwissu 2022[7], permezz ta' liema bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 18, 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251H(a)(d), 251HA, 202(h)(i)(iv)(vi) u 202(i) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18 u 49(a)(b)(ċ) ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol. 40 tal-proċess.
[2] Fol. 41 u 42 tal-proċess.
[3] Fol. 44 sa' 50 tal-proċess.
[4] Fol. 58 u 59 tal-proċess.
[5] Fol. 67 u 68 tal-proċess.
[6] Fol. 78 u 79 tal-proċess.
[7] Fol. 70 u 71 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 18 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2022[8], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u wara li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, inqraw l-Artikoli;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-3 ta' Mejju 2022, għall-ħabta ta' 8:00p.m. u fis-siegħat u, jew ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel iżda mhux aktar mill-1 ta' April 2022, ġewwa Marsaskala u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer: (1) ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu, u cioè Afton Charlene Borda, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu bl-ismijiet Dale u Lexi Marie, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmija minuri; U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (2) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Afton Charlene Borda tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih; (3) insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Afton Charlene Borda; (4) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Afton Charlene Borda; U talli: (5) kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 11 ta' Awwissu 2022, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 18, 251A(1)(a)(b)(2)(4), 251H(a)(d), 251HA, 202(h)(i)(iv)(vi) u 202(i) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18 u 49(a)(b)(ċ) ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18 u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18 u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Xhieda u provi prodotti:**

[8] Fol. 73 tal-proċess.

F'dawn il-proċeduri xehdu:

L-allegata vittma **Afton Charlene Borda**[9], illi ddikjarat li għamlet rapport fil-konfront ta' Clint Pace, illi għarfitu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri, għaliex *kull darba li jiġi jara lit-tfal kienu qed jinqalgħu xi argumenti.* Stqarret illi *fit-3 ta' Mejju* (in segwitu kkjarifikat li d-data kienet it-2 ta' April) *ġie biex jara lit-tfal, il-ġurnata ta' qabel jien kont ħriġt u bdejt nirċievi xi messaġġi mingħandu, kont qiegħda ġo stabbiliment Medasia u rċevejt il-messaġġi: "Tajjeb qiegħed Medasia hux? Kif se tieħu ħsieb lit-tfal minn hemm? Il-Maġistrat se tkun tafu dan". Ma nafx insomma kif kien jaf li qiegħda hemmhekk. X'ħin wasal fit-3 ta' Mejju biex jara lit-tifla u mar fil-karozza biha, għaddiet qisu 20 minuta u bgħattlu messaġġi sabiex iġib lit-tifla lura. Hu m'għandux aċċess għaliha imma dejjem ħallejtu jaraha. Ma tax kasi, bgħattlu xi żewġ messaġġi mingħalija jew tlieta u bgħatt lit-tifel sabiex iġib lill-oħtu. It-tifel sab il-pum tal-karozza magħluq fejn beda jissara miegħu u qabad joffendih bija. … Qallu "ieqaf foxx dik il-liba ommok", lit-tifel bagħtu jieħdu f'sormu, it-tifel għandu ħdax-il sena, imbagħad qallu "ommok ħaditu f'sormha ilbierah għax min jaf kemm inħxiet f'sormha", lil tifel ta' ħdax-il sena. Jiena qgħadt kwieta, ħareġ bit-tifla, ġabhieli u telaq. Jiena bqajt fil-bieb tad-dar nara kollox minn barra biex ma nersaqx 'l hemm għax imbagħad taf x'jiġri insomma, kelma ġġib lill-oħra u jinqalgħu aktar, allura qadt kwieta fil-bieb u stennejtu li jġibli lit-tifla. Jumejn wara reġa' ġie, ġie waqt il-ħin ta' l-ikel, tajtu t-tifla, kienet għadha ma xorbotx, ħriġt warajh għax mar fil-karozza bil-bottle u għidtlu "Għandek il-bottle". Ma tax kasi, għalaq il-bieb bħas-soltu jsakkar il-karozza, ħabbatlu mal-ħġieġ, għidtlu "Għandek il-bottle" u l-istess erġajna qbadna noffendu. Tajt ċans u ġie tard biex ngħidu kollox għax ma jżommx mal-ħin ta' l-aċċess, kien sar il-ħin, tlabtu t-tifla u ma riedx jagħtihieli. Ċempilt l-għassa ta' Marsascala u qaluli li once li t-tifla qiegħda fuq missierha, huma ma jistgħux jiġu u jeħduha minn fuq missierha għax hija t-tifla tiegħu wkoll. Li żbaljat forsi jiena għax tajthielu għax hu m'għandux aċċess għaliha imma dejjem inħenn għaliex hi x'inhi xorta tibqa' t-tifla tiegħu, qaluli li ma jistgħux jiġu, stennejt u wara ċertu ħin tahieli. Ir-raġuni li bdejt nitlobhielu kien għaliex kien sar il-ħin, kienu saru t-08:00p.m. u din it-tifla għandha biss sentejn u nofs u riedet tinħasel u torqod. Imbagħad fis-26 ta' April kellu l-aċċess u kellu jiġi fis-sebgħa, fis-sebgħa u għoxrin kien għadu ma ġiex u bgħattlu messaġġ, għedtlu "Isma' saru s-sebgħa u għoxrin, issa mbagħad mhux jaqbeż il-ħin ta' l-aċċess u jinqala' xi panic", ma kellimnix u fit-08:10 ċempel. Tajt il-mobile lit-tifel biex ikellmu u qed nisimgħu jgħidlu li ġej jara lit-tfal u qallu "jiena dalwaqt niġi". Ħadtlu l-mobile u għidtlu "Isma' l-ħin ta' l-aċċess issa spiċċa". Fit-08:10 inkun diġa qed nistennieh biex jiġi jarahom, naħsel lit-tfal u kollox, jiġifieri mbagħad kien sar il-ħin biex nippreparhom għall-iskola. Kellimtu u għidtlu biex ma jiġix u x'ħin qata' bgħattlu messaġġ u għidtlu "tiġix għaliex l-aċċess spiċċa" u qalli "issa jispiċċa l-aċċess, imla rasek" u b'dak il-messaġġ, għall-aċċess qed jirreferi, lili qelibli moħħi għax għidt ġej u se jagħmilli xi storja. … Għaliex ġieli ġraw inċidenti qabel li ġie fejn il-bieb u għamel xi storja. Spiċċa ma ġiex u kollox mar sew. Imbagħad fl-1 ta' Mejju, l-istess kellu l-aċċess u mill-04:00p.m. ġie fis-06:30p.m., stennejnieh, il-ġurnata ta' qabel bdejna nargumentaw fuq cheque tat-taxxa għax ħareġ fuq isimna t-tnejn, hu ppretenda illi naqbad u mmur il-bank short notice u noqghod nistenna fil-queue. Hu ma riedx jistenna sas-Sibt ta' wara, m'għidtlux li m'inix sejra imma għidtlu illi s-Sibt ta' wara mmorru nsarfuh. Hu ried imur it-Tnejn filgħodu qabel ix-xogħol u jien għidtlu "Jiena mhux se noqgħod naħli ħin biex immur insarraf ic-cheque. Stenna sas-Sibt ta' wara għax inkun qiegħda off". X'ħin ġie jara lit-tfal qalli*

[9] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2022, fol. 44 sa' 50 tal-proċess.

*"inti għada mhux ġejja hux?" U għidtlu li le u s-soltu qabad jgħajjarni "mejta bil-ġuħ" isemmi lill-oħti wkoll, dejjem isemmi lill-oħti għal xi raġuni u ma nafx għaliex. Mar bit-tifla fuq il-bonnet tal-karozza, mort biex neħodha minn fuqu biex nitlaq għaliex kien diġa qabadni ferħ ta' ġenn għax jaqbad iġib ruħu nervuż, irnexxieli ngħabbi lit-tifla fil-karozza, it-tifel tela' wkoll, konna se nsuqu u beda jsuq warajja. Soqt it-triq kollha, tfajt mal-ġenb, ġie warajja, qabeż, tajtu ċans biex nara fejn se jmur jekk hux se jinżel lejn Marsascala jew joħroġ minn Marsascala u niżel l-isfel li ma kinitx trieqtu għax hu joqgħod l-Imsida. Għidt "mela ħa nitla' 'l fuq jiena" u tlajt Bellavista bħall-boloħ, tajt ftit ċans u jien u nieżla nsibu ġej minn quddiemi u x'ħin ksirt għan-naħa biex tmur lejn l-għassa, saq għal warajja. Ġie hemm warajja, it-tifel jgħajjat u jwerżaq fil-karozza għax kien ġej warajna u tfajt fl-ewwel post li sibt mal-ġenb u ħallejtu jgħaddi. Għadda gas down u telaq. Sadanittant ippruvajt nikkalma naqra lit-tifel u mort il-gabbana t'hemmhekk. Sakemm qiegħda hemmhekk, jiġi jiġri t-tifel u qalli "Ma, rajt lid-daddy" u għidtlu "le ħanini, issa d-daddy telaq mhux qiegħed hawnhekk, toqgħodx timmaġina u toqgħodx tippanikja. Ikkalma". … Jien għedt telaq issa, il-barra minn Marsascala. Saq u telaq. Ġie xi 4 darbiet oħra t-tifel u jgħidli "Ma, id-daddy qed jgħaddi. Qed jgħaddi bil-music u jgħaddi hu għax narah mill-ewwel malli nisma' l-music". Qgħadt għassa jien u kkonfermajt illi kien għaddej, tlaqt mill-gabbana miexja rajtu biex nurih li jiena rajtu u mxejt lejn il-karozza tiegħu, waqaf, daqqli l-horn u telaq u daqshekk. L-għada mort nagħmel ir-rapport id-domestic violence unit u għidtilhom dak kollu li għadni kif għidt u jumejn wara reġa' ġie biex jara lit-tfal.*

Afton Charlene Borda ddikjarat li dawn l-inċidenti ma' l-imputat kienu ilhom għaddejjin madwar sentejn u nofs, ossia minn meta nfirdu, u li kienu saru diversi rapporti lill-Pulizija u anke kien hemm proċeduri fil-konfront ta' l-imputat. Iddikjarat ukoll li hemm Ordni ta' Trażżin impost fuq l-imputat biex huwa ma jdejjaqhiex. Minn jeddha stqarret ukoll illi *għamel żmien kien tajjeb ħafna, kien qed iġib ruħu sew u sa anke daħħaltu d-dar biex nevita li t-tifla toqgħod toħroġ fil-kesha fix-xitwa, sa anke daħal id-dar jiġifieri u ma kellna l-ebda problemi. Il-problemi ndunajt illi bdew meta kelli event tax-xogħol. Kelli event tax-xogħol, ra xi ritratti fuq Facebook u r-ritratti li ra anke bagħthomli Whatsapp. Fir-ritratti hemm jien u persuna oħra u għandi ritratt ieħor ma' persuna oħra li huma kollegi tax-xogħol. Għal wieħed minnhom qalli "għidlu daqt narah" bħal speċi "qiegħda ma' dan? Għidlu daqt narah" u dan qisu theddida għalija, ma nieħux pjaċir bihom. Għall-manager tiegħi mbagħad, għandi ritratt ieħor, qalli "dan daqt tasal tiegħu". Dawn mhux affarijiet, dawn jimlewlek moħħok u noqgħod dejjem bid-dubju jiena ġo moħħi li se jweġġa' lil xi ħadd minħabba fija. Ma nistax nibqa' ngħix f'din il-ħajja li lili ma jħallinix kwieta, jiena għandi ħajti issa, hu jimxi b'ħajtu u jiena nimxi b'ħajti. Ma jistax joqgħod moħħu fija u jien għalija ġie triggered b'din l-event għax jaf li ħriġt waħdi. Imbagħad komplejna b'tal-Medasia, ma nafx minn fejn sar jaf li kont qiegħda hemmhekk u beda bil-messaġġi.*

Afton Charlene Borda ppreżentat ukoll serie ta' messaġġi bejnha u l-imputat, markati bħala Dok. "AB" a fol. 51 sa' 53 tal-proċess. Hija tenniet li l-argumenti da parte ta' l-imputat dejjem ikunu *fuq it-tfal u jew għax ikun jaf li ħriġt jew jgħidli "għax għandek il-hangover" għax noħroġ darba jew "għax lit-tfal ma tagħtix kashom" għax noħroġ darba, m'għandix dritt ngħix ħatji. Dawn l-affarijiet.*

Xehed ukoll l-**Ispettur Eman Hayman**[10] illi ddikjara li *jien naf lill-imputat minn rapport preċedenti li kien sar minni stess minn persuna, ċerta Afton Charlene Borda,*

[10] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2022, fol. 41 u 42 tal-proċess.

*li tiġi l-omm għaliex bejniethom hemm wild in komuni. Dan li kien qed jiġri huwa li kien hemm rapport preċedenti, kien hemm sentenza preċedenti u l-Qorti kienet ħadet in konjizzjoni illi l-imsemmi Clint Pace kien imur quddiem ir-residenza ta' Afton minħabba t-tfal, jiġifieri dan il-każ per se ma huwiex sempliċi fastidju għaliex kien imur fejn id-dar tagħha. Hu kien qed isegwi dan jiġifieri minn meta nqatgħet is-sentenza s-sena l-oħra ma kienx qed ikun hemm problemi sakemm mill-bidu ta' April sal-bidu ta' Mejju ta' din is-sena kien qed ikun hemm ċertu kwistjonijiet, insinwazzjonijiet, illi kien qed imur lil hemm minn dak li huwa fl-interess għat-tfal. Jidher illi l-messaġġ li kien qed jibgħat lil Afton, qalilha li aktar moħħa fil-ħruġ u hemmhekk kien qed isir ċertu aġġornamenti illi proprju kienu qegħdin jintqalu lili. Jiena kont qed nieħu aġġornament ta' dan, kont qed nitkellem ma' Clint ukoll iżda ġara li eventwalment, meta beda x-xahar ta' Mejju, u kien l-1 ta' Mejju, l-iskwadra ta' kontra l-Vjolenza Domestika kienet ġiet infurmata illi kien hemm xi diżgwid ieħor u frott ta' dan id-diżgwid jidher illi t-tifel tagħhom kellu xi argument ma' missieru, Clint Pace, u proprju wara kien hemm dak li Afton iddeskriviet bħala segwiment bil-karozza fl-istess lokalità u cioè Marsaskala. Għal darb' oħra kont kellimt lil Clint Pace iżda ġara li jumejn wara u cioè  fit-3 ta' Mejju, kont ġejt infurmat illi fil-ħin li hu l-aċċess, kien inqala' argument ieħor u din id-darba kien spiċċa sabiex Clint beda jinsulenta, jgħajjar u kif ukoll minn dak li rat Afton, beżaq fuq il-letterbox, l-argument kien inqala' minħabba li Afton, it-tifla hemm xi ftehim illi hu m'għandux aċċess għaliha u f'dik il-ġurnata, frott ta' dawn l-inċidenti li bdew jinqalgħu, kienet uritielu minn wara it-tieqa u Clint ried illi proprju jżomm lit-tifla u fuq hekk kien l-argument. Iżda peress li kont ilni nirċievi ċertu rapporti, insinwazzjonijiet u inċidenti, jiena dakinhar m'afdajtx u kont ġbart lil Clint. Eventwalment, jiena kont għamiltlu r-rapporti, apparti l-messaġġ li kien qed jistaqsi fuqha nnifisha, l-iktar suġġett li kien qiegħed ikun hemm l-argumenti fuqu kien minħabba t-tfal u l-mod kif se jsir l-aċċess tat-tfal. B'dan id-diskors jiena kont kellimt ukoll lil Afton fejn hi min-naħa tagħha kienet qalet illi "l-ewwel jibda jkellimni fuq it-tfal imma mbagħad jispiċċa billi jgħajjar lili jew jispiċċa billi jinsinwa xi ħaġa". Fid-dawl illi Clint Pace ma jgħixux flimkien fl-istess residenza u li l-Pulizija kienet qiegħda tinvestiga sabiex tiġbor aktar messaġġi, kien ingħata l-Police Bail u proprjament kien ġie għall-appuntament li kien ġie mogħti lilu minni u hemmhekk imbagħad ġie nfurmat bl-akkużi li se jinħarġu kontrih.*

**L-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali Stephania Calafato Testa**[11], ippreżentat vera fotokopja ta' sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Clint Pace" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta, fit-28 ta' Jannar 2021[12], u ikkonfermat li ma kienx hemm appell minn din is-sentenza. Ippreżentat ukoll il-*fine report*[13] relattivament għall-multa impost bis-sentenza imsemmija.

**Ir-Risk Assessor Tracy Baldacchino**[14], ikkonfermat ir-Risk Assessment[15] li sar fir-rigward ta' Afton Charlene Borda relattivament għall-kwistjonijiet ma' Clint Pace. Iddikjarat li a bażi ta' l-informazzjoni u tweġibiet mogħtija mill-imsemmija Afton Charlene Borda, ir-Risk Assessment ġie bi score ta' 14.

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Ġunju 2022, fol. 58 u 59 tal-proċess.
[12] Dok. "ST1" a fol. 60 sa' 63 tal-proċess.
[13] Dok. ST2 a fol. 64 tal-proċess.
[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Lulju 2022, fol. 67 u 68 tal-proċess.
[15] Fol. 10 sa' 27 tal-proċess.

Xehdet ukoll l-**Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina**[16], prodotta mid-Difiża bħala l-unika xhud tagħha. L-imsemmija Uffiċjal tal-Probation iddikjarat li hija bdiet issegwi lill-imputat fuq Ordni ta' Superviżjoni imposta fuqu fit-28 ta' Jannar 2021. Xehdet illi *jiena li nista' ngħid huwa illi ilu ma jattendi għall-appuntamenti u l-aħħar appuntament illi attenda għalih ilu mid-19 ta' Jannar ta' din is-sena. Jiġifieri minn wara din id-data, kien hemm żewġ appuntamenti illi huwa falla u ma reġax għamel kuntatt miegħi minħabba illi l-proċeduri ta' denunzja hija illi tkun inizzjattiva tiegħu sabiex isir kuntatt.* Mistoqsija dwar miljorament da parte ta' l-imputat għal dak li jirrigwarda attendenza u użu ta' sustanzi illeċiti, l-Uffiċjal tal-Probation wieġbet *rigward attendenza li nista' ngħid huwa illi xi ħadd li ma jattendix minn Jannar, ma nistax ngħid li huwa improvement. … Qabel Jannar kien hemm xi appuntamenti illi kien hemm attendenza għalihom, però qatt ma ilhaqna l-konsistenza meħtieġa biex ikun hemm superviżjoni kif suppost.* Mistoqsija dwar jekk l-imputat infurmahiex li kien fetaħ business u li kien ser jagħmel tajjeb għal xi djun li kellu bi proprjetà li għandu, l-Uffiċjal tal-Probation wieġbet *iva, din hija xi ħaġa li kien sostna hu u deher kredibbli meta kien qed jitkellem fuqha illi fetaħ ħanut ta' l-ikel bażikament. Kont aware illi kellu jbiegħ xi affarijiet biex jagħmel tajjeb għal xi affarijiet illi kellu jagħti.* Mistoqsija dwar jekk l-imputat infurmahiex li kellu appuntament mal-Caritas, l-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina rrispondiet fin-negattiv.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat**

**L-ewwel imputazzjoni:**

Bl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-3 ta' Mejju 2022, għall-ħabta ta' 8:00p.m. u fis-siegħat u, jew ġranet u, jew ġimgħat u, jew xhur ta' qabel iżda mhux aktar mill-1 ta' April 2022, ġewwa Marsaskala u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer, ikkaġuna lill-eks-sieħba tiegħu, u cioè Afton Charlene Borda, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu bl-ismijiet Dale u Lexi Marie, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmija minuri.

Din l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija msejsa fuq ir-reat ta' fastidju previst fl-Artikolu 251A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment is-subparagrafu (b) ta' l-istess, illi jipprovdi li: *Persuna li: … (b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.* Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi jipprovdi li *għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imgiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.* Il-Prosekuzzjoni tarġina din l-imputazzjoni partikolari fil-konfront ta' l-imputat għall-perijodu mill-1 ta' April 2022 sat-3 ta' Mejju 2022.
Il-persuna mixlija bir-reat ta' fastidju, l-imputat fil-każ in eżami, tista' ai termini tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *iġġib prova li: (a) l-imgiba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew (b) l-imgiba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew (ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġiba kienet waħda raġonevoli.*

[16] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2023, fol. 78 u 79 tal-proċess.

Fil-każ in eżami x-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni hi Afton Charlene Borda li xehdet fid-dettal dwar is-sitwazzjonijiet li nħolqu ma' u/jew mill-imputat kemm meta b'xi mod sar jaf li hija ħarġet ma' sħabha kif ukoll meta kien imur quddiem ir-residenza tagħha biex jara lit-tfal minuri tagħhom, b'mod partikolari meta kien jara lit-tifla li dak iż-żmien kellha biss sentejn u nofs.

Afton Charlene Borda kienet koerenti u konsistenti fil-verżjonijiet tagħha kemm meta għamlet ir-rapporti fil-konfront ta' l-imputat mal-Pulizija, kif ukoll meta irrispondiet għall-mistoqsijiet tar-Risk Assessors għall-fini tar-Risk Assessment li sarilha u anke meta xehdet fil-kors ta' dawn il-proċeduri. Fid-dawl ta' tali koerenza u konsistenza, il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temmen li dak mistqarr u dikjarat minn Afton Charlene Borda huwa fil-fatt minnu, u cioè li meta hija ħarġet ma' sħabha fit-2 ta' April 2022, l-imputat bagħtilha messaġġi biex idejjaqha u jindaħlilha f'ħajjitha; li meta l-imputat mar Marsaskala biex jara lit-tfal fl-1 ta' Mejju u fit-3 ta' Mejju 2022, kull darba ħoloq sitwazzjoni ta' kunflitt, ansjetà u dwejjaq lil Afton Charlene Borda, kemm għax ma riedx jagħti t-tifla lura meta mitlub jagħmel hekk kif ukoll għaliex kull waħda minn dawn l-okkazzjonijiet kienet karatterizzata minn argumenti ma' Borda u tgħajjir u kliem dispreġġattiv fil-konfront taggħha; u wkoll li fl-1 ta' Mejju 2022 addirittura spiċċa biex bil-karozza tiegħu saq wara Afton u t-tfal diversi drabi, u baqa' jdur fid-dintorni ta' fejn kienu b'mod fastidjanti.

Kif ormai ben assodat fil-ġurisprudenza nostrali, l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta *huwa meħud kważi kelma b'kelma mill-liġi "Protection From Harassment Act 1997". Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej: The Act describes itself as one "to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct". It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person including alarming the person or causing the person distress. In "Tuppen and Anor vs Microsoft Corporation Limited and Anor, The Times" Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in "Thomas vs News Group Newspaper Ltd and Anor", it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm and distress and which was oppressive and unreasonable. Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it's that they could be described as 'a course of conduct': Lau v. DPP. In "Pratt vs DPP" it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his*

*wife, nor to harass or pester her. The test under section 1(2) is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender*[17].

It-terminu legali fastidju, bl-Ingliż *harassment*, jinsab definit minn Black's Law Dictionary bħala *'words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose', dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'referenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] "... f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien". Però xorta waħda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri ta' l-akkuża nnifisha. Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 251Ċ li tgħid li referenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna ('alarming the person or causing the person distress' fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet ta' l-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati jew delikati. Kull tip ta' dan l-aġir però hu kalkolat li joħloq ċerta biża' f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed tiġi segwit jew impoġġi taħt ċerta pressjoni inġusta. Hu proprju dan li din il-liġi ... trid tipprojbixxi*[18].

Meta l-aġir ta' l-imputat bejn l-1 ta' April 2022 u t-3 ta' Mejju 2022 jiġi kkunsidrat fil-kuntest ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi u mil-lat oġġettiv u fil-qies ta' persuna raġonevoli, jirriżulta b'mod ċar u lil hinn minn kull dubju raġonevoli li tali aġir jikkostitwixxi *a course of conduct* - in kwantu kienu divesri inċidenti fuq medda ta' ġranet pratikament koneskutivi - u kien *directed at a specific person* [which] *annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose* - sensazzjonijiet dawn li ċertament ħoloq f'Afton Charlene Borda, kif minnha stess affermat fix-xhieda tagħha.

Għalkemm fit-trattazzjoni orali d-Difiża ssottomettiet li l-aġir ta' l-imputat kien dettat mill-attitudini ta' Afton Charlene Borda fir-rigward tat-tifla, partikolarment fid-dawl tal-fatt li dak iż-żmien it-tifla kienet ma tiflaħx u Borda ma reditx li l-imputat jeħodha għand Professur, il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva li dak hekk sottomess mid-Difiża ma ġie bl-ebda mod ippruvat, lanqas fuq bażi ta' probabilità. In effetti l-unika prova mressqa mid-Difiża kienet ix-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Svetlana Bezzina, liema xhieda kienet tittratta dwar kwistjonijiet li ma għandhomx x'jaqsmu la mas-sitwazzjonijiet mertu ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u wisq inqas ma' l-allegati problemi ta' saħħa tat-tifla Lexi Marie.

Għal kull buon fini jiġi osservat li mid-dokument Dok. "AB" esebit minn Afton Charlene Borda a fol. 51 sa' 53 tal-proċess, jirriżulta messaġġ ta' l-imputat lil Borda fejn jgħid *fl-aħħar tax xar ħa namel appuntament ma profesur u gib lexi andu ħa inseraħ rasi ax*

[17] Il-Pulizija v. Jennifer Catania, Appell Krim. Nru. 351/17 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Ottubru 2018
[18] Il-Pulizija v. Kenneth Cassar, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Novembru 2017.

*jin xej ma jin qed inkun naf fuqa* u tirriżulta wkoll tweġiba ta' l-istess Borda fejn tgħid *ma nġib il Lexi għand ħadd. Lexi responsabbli għaliha jien. La jkolli l appuntament l isptar tista tiġi mux problema u jkellmuk it tobba bħal ma diga femtek. Issa tibatx msg ieħor ax minix ħa nwieġeb.* Messaġġ ieħor ta' l-imputat jgħid *aqta kem int responsabli bdik għajn dejjem maħmuġa miskina il fuq xar ek ma jimpuratx kura u kustodja mux tijak tana tnejn jin nikmanda daqsek isek ikelmuk lavukati* u Afton Charlene Borda wieġbet *tajjeb qed nistennijom ikelmuni.* Dawn il-messaġġi però ċertament ma jistgħux jitqiesu bħala prova sodisfaċenti li t-tifla Lexi Marie kellha problemi ta' saħħa u li per di più l-imputat ma kienx qed ikun infurmat dwarhom, u li għalhekk l-aġir ta' l-imputat jaqa' taħt id-difiża/difiżi previsti fl-Artikolu 251A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Lanqas ma jista' jingħad li jirriżulta li kienet l-istess Afton Charlene Borda li holqot u tat lok għas-sitwazzjonijiet li instigaw dak it-tip ta' aġir fil-konfront tagħha da parte ta' l-imputat.

Fid-dawl ta' dan huwa evidenti li dak sottomess mid-Difiża waqt it-trattazzjoni finali ma jistax u ma għandux li jitqies bħala prova ai termini ta' l-Artikolu 251A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-imputazzjoni tar-reat ta' fastidju dedotta fil-konfront ta' l-imputat. Dak li jirriżulta invece huwa li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-aġir ta' l-imputat fil-perijodu ta' bejn l-1 ta' April 2022 u t-3 ta' Mejju 2022 effettivament jikkostitwixxi r-reat ta' fastidju ai termini ta' l-Artikolu 251A(1)(b)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi rriżulta li r-reat in kwistjoni twettaq fil-konfront ta' Afton Charlene Borda, ex-sieħba ta' l-imputat, u f'uħud miċ-ċirkostanzi quddiem it-tfal minuri tagħhom, jissusistu ukoll l-aggravji previsit fl-Artikoli 251A(4), 251H(a)(d) u 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni wkoll ta' l-Artikoli 222(1)(a) u 202(h)(i) u (i) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tieni imputazzjoni:**

Bit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Afton Charlene Borda tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

B'din l-imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli bir-reat previst fl-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika - (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro (€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat…*

Fir-rigward ta' dan il-provvediment tal-Liġi, il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dr. Alfred Grech** deċiża fid-19 ta' Lulju 2013, fejn ingħad illi: *l-għemil kontemplat fil-parafrafi (a)*

*u (b)* [ta' l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta] *jikkonsisti fl-użu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubju li l-liġi fl-istess parafrafi qed tikkontempla għemil li bl-użu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq…*

Għall-finijiet ta' din it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti eżaminat u kkunsidrat b'mod partikolari d-dokument Dok. "AB" esebit minn Afton Charlene Borda a fol. 51 sa' 53 tal-proċess, liema dokument, konsistenti kif ingħad iktar 'l fuq f'numru ta' messaġġi bejn l-imputat u l-istess Afton Charlene Borda, f'partijiet minnu, senjatament b'dawk il-messaġġi mibgħuta fil-perijodu mertu ta' dawn il-proċeduri, jissostanzja da affermat minn Afton Charlene Borda dwar l-aġir ta' fastidju fil-konfront tagħha da parte ta' l-imputat.

Minn dan id-dokument, b'referenza għall-perijodu mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia l-perijodu mill-1 ta' April 2022 sat-3 ta' Mejju 2022, il-Qorti tqis li l-iktar istanza li fil-fehma tagħha effettivament tikkostitiwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta da parte ta' l-imputat, huwa meta fit-2 ta' April 2022 l-imputat bagħat żewġ messaġġi lil Afton Charlene Borda waqt li hija kienet barra ma' sħabha. F'dawn il-messaġġi l-imputat qalilha, *tajjeb ijad medesia ux?? Ħa tieħu ħsiebha lexi xurbana mil medesia Maġistra ħa isir tafu dan* u kif gia osservat iktar 'l fuq fil-kuntest ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, b'dawn il-messaġġi huwa kien effettivament qed idejjaq u jivvessa lill-imsemmija Borda. B'hekk huwa ġie li għamel użu mhux xieraq minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika u bil-kliem tiegħu, fejn allega li hija xurbana u intima li se jonforma lill-Maġistrat, ittenna jwaqqaf lil Afton Charlene Borda milli toħroġ ma' sħabha u essenzjalment tgħix ħajjitha.

Għalkemm hemm istanzi oħra li fil-fehma tal-Qorti jistgħu jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, dawn huma istanzi li jew jaqgħu 'l barra mill-perijodu mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia l-perijodu mill-1 ta' April 2022 sat-3 ta' Mejju 2022 jew huma messaġġi fejn id-data ma tidhirx, u għaldaqstant il-Qorti hija prekluża milli tikkunsidrhom fil-kuntest tal-proċeduri odjerni li kif ingħad iktar 'l fuq huma arġinati għall-perijodu mill-1 ta' April 2022 sat-3 ta' Mejju 2022.

Fid-dawl ta' dan appena osservat però, il-Qorti xorta tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li bl-messaġġi mibgħuta fit-2 ta' April 2022, l-imputat effettivament irrenda ruħu ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu ai termini ta' l-Artikolu 49(b)(ċ) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta.

**It-tielet imputazzjoni:**

Bit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda

li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Afton Charlene Borda.

Min-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 11 ta' Awwissu 2022[19], jirriżulta li b'rabta mat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, huwa bagħat lill-imsemmi imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija maħsuba fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imsemmi provvediment tal-Liġi jiddisponi li: *huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min - … (d) ħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.*

L-imputat però ma ġiex mixli li ħebb għal Afton Charlene Borda iżda li huwa insulentaha, heddidha jew inġurjaha bi kliem jew b'mod ieħor. Ladarba l-imputat ma ġiex mixli li ħebb għal Afton Charlene Borda sabiex jinsulentaha, jheddidha jew jinġurjaha u in verità mill-provi ma jirriżultax li huwa effettivament ħebb għaliha għal tali skopijiet, għandu jsegwi li l-Qorti ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat ħati tal-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-raba' imputazzjoni:**

Bir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu l-imputat qed jiġi mixli talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Afton Charlene Borda.

Il-Prosekuzzjoni qed tixli lill-imputat bit-twettiq tal-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi: *huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min - … (e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.*

Mix-xhieda ta' Afton Charlene Borda, xhieda li kif gia ngħad tirriżulta li hija ferm kredibbli in kwantu hija baqgħet koerenti u konsistenti fil-verżjoni tal-fatti tagħha, jirriżulta li l-imputat ripetutament insulenta u għajjar lil Borda, kemm lilha direttament f'wiċċha kif ukoll fil-presenza ta' binhom minuri b'mod li Borda setgħet tisimgħu minħabba li dak il-ħin kienet tkun barra l-bieb tar-residenza tagħha tistenna biex iddaħħal lit-tfal ġewwa. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Il-ħames imputazzjoni:**

[19] Fol. 70 u 71 tal-proċess.

Bil-ħames imputazzjoni dedotta kontrih, l-imputat qed jiġi mixli talli kiser il-provedimenti ta 'sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. J. Demicoli LL.D., liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel. Huwa evidenti hawnhekk li l-Prosekuzzjoni qed tixli lill-imputat bil-kommissjoni ta' reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Minkejja dan però fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tiegħu, l-Avukat Ġenerali ma bagħatx lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija maħsuba fl-imsemmi artikolu tal-Liġi. Konsegwentement għalhekk il-Qorti ma tistax tikkonsidra din l-imputazzjoni partikolari u għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, l-Avukat Ġenerali minflok bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija prevista fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia sabiex din il-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-imsemmija żewġ provvedimenti tal-Liġi.

Hawn il-Qorti tosserva li hija tista' tikkonsidra biss jekk l-imputat għandux jitqies reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta iżda mhux ukoll ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għas-segwenti żewġ raġunijiet:

1. Fl-ewwel lok, ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena qual' volta imposta fuq l-imputat misjub ħati u trattat bħala reċidiv tista' tiżdied skond il-gradwatorja kif prevista fl-imsemmi artikolu tal-Liġi. B'hekk l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta effettivament tirrendi l-posizzjoni ta' l-imputat misjub ħati u trattat bħala reċidiv ai termini ta' tali artikolu tal-Liġi, iktar gravuża. Dana però, kif inhu ormai ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrali, l-Avukat Ġenerali ma jistax jagħmlu tramite n-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju meta l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-**Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**, ma jkunx ġie oriġinarjament addebitat lill-imputat fic-*Charge Sheet* li biha jkunu nbdew il-proċeduri fil-konfront ta' tali imputat, hekk kif appuntu huwa l-każ fil-każ in eżami;

2. Fit-tieni lok, *dato ma non concesso* li l-Qorti tista' tikkunsidra l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-finijiet ta' reċidiva, mill-prova li tressqet dwar pronunċjamenti ġudizzjarji fil-konfront ta' l-imputat, ossia s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Clint Pace" pronunċjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2021 - Dok. "ST1" esebita mill-Assistent Reġistratru Qrati u Tribunal Kriminali, Stephania Calafato Testa a fol. 60 sa' 63 tal-proċess, kjarament jirriżulta li tali artikolu tal-Liġi mhux applikabbli fil-każ in eżami.

   Mill-konnotati ta' l-imputat fis-sentenza imsemmija, jirriżulta li l-imputat f'dawk il-proċeduri huwa l-imputat fil-proċeduri odjerni. B'dik id-deċiżjoni, l-imputat kien instab, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, imputazzjonijiet tra l'altro ferm simili għal dawk odjerni, u ġie ikkundannat għal sena priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tali terminu ta' priġunerija ġie sospiż għall-perijodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza, flimkien ma' multa fl-ammont ta' €800. Mid-dokument Dok. "ST2" a fol. 64 tal-proċess, ukoll esebit mill-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, jirriżulta li mill-multa ta' €800 fadal bilanċ ta' €700.

Ir-reati mertu tal-proċeduri odjerni u li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, u għall-fini ta' dak issa kkunsidrat u trattatt hawn qed issir referenza speċifika għar-reati mertu ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat, twettqu fil-perijodu bejn l-1 ta' April 2022 u t-3 ta' Mejju 2022, ossia waqt it-terminu operattiv tas-sentenza imsemmija. Ai termini ta' l-Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor*, l-imputat ċertament għandu jitqies reċidiv ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi.

In kwantu rigwarda l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm dan jipprovdi li *meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor,* l-Artikolu 28F tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi però li: *meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda il-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.*

Minn dan jirriżulta għalhekk li l-imputat ma jistax u ma għandux jitqies li huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda jista' u għandu jitqies bħala reċidiv biss ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati kif ukoll il-fedina penali tiegħu u anke l-fatt li għalkemm kien instab ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' reati simili fil-konfront ta' Afton Charlene Borda f'Jannar ta' l-2021, fi żmien sena minn meta ġie hekk ikkundannat huwa reġa' wettaq l-istess tip ta' reati fil-konfront ta' l-imsemmija Afton Charlene Borda.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u filwaqt ukoll li ma ssibx lill-imputat ħati tar-reat ai termini ta' l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, nonche tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, u b'hekk tilliberah mill-istess, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 31, 49, 202(h)(i) u (i), 222(1)(a), 251A(1)(b)(2)(4), 251H(a)(d), 251HA u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(b)(c) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u tqisu bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija, iżda billi il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat jidher li għandu problema jaċċetta li r-relazzjoni tiegħu ma' Afton Charlene Borda ġiet fi tmiemha u b'hekk għandu problema jiġġestixxi l-emozzjonijiet tiegħu, għal liema sitwazzjonijiet u emozzjonijiet huwa jeħtieġ li jingħata appoġġ u għajnuna bid-

debita sorveljanza minn Uffiċjal tal-Probation, a tenur ta 'l-Artikolu 28A u 28E(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, tissospendi it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal erba' (4) snin b'effett mid-data ta 'din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Superviżjoni u dana għall-perijodu ta' erba' (4) snin mil-llum u taħt il-kondizzjonijiet u termini imposti fid-Digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u kopja ta' l-Ordni ta' Superviżjoni maħruġ illum stess jiġu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G(9) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tavża lill-imputat li jekk tul il-perijodu li fih ikun fis-seħħ l-Ordni ta' Superviżjoni mogħti fil-konfront tiegħu llum, huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma xi ħtieġa ta' dan l-istess Ordni, f'każijiet serji u ripetuti s-sentenza sospiża mogħtija fil-konfront tiegħu b'din is-sentenza u li fiha sar l-Ordni ta' Superviżjoni tibda sseħħ jew, mingħajr ħsara għall-kontinwazzjoni ta' l-Ordni ta' Superviżjoni, jeħel ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Afton Charlene Borda. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Il-Qorti tagħmilha ċara li siccome l-imputat u Afton Charlene Borda għandhom tfal minuri bejniethom, l-imputat jista' jikkomunika u jekk hemm bżonn jiltaqa' ma' Afton Charlene Borda limitatament għall-finijiet u bżonnijiet ta' tali tfal, mingħajr b'hekk ma jkun qed jikser l-Ordni ta' Trażżin hawn impost fuqu iżda, kemm-il darba l-imputat joħroġ 'l barra mill-limiti ta' din l-ezenzjoni limitata li qed issir, u cioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Afton Charlene Borda għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tfal minuri jew mhux fl-aħjar interess tat-tfal minuri, jew addirittura biex jivvessaha, jdejjaqaha jew jinġurjaha, huwa jkun qed jikser l-Ordni ta' Trażżin hawn impost fuqu u b'hekk jittieħdu fil-konfront tiegħu l-passi, azzjonijiet u provvedimenti kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi.

Il-Qorti żżid u tagħmilha ċara li jekk fid-data ta' din is-sentenza hemm ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Afton Charlene Borda li bih l-imputat b'xi mod ma għandux aċċess jew għandu aċċess limitat għat-tfal minuri jew min minnhom, din is-sentenza u l-kondizzjoni E fid-Digriet ta' l-Ordni ta' Trażżin impost fuq l-imputat bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jmorru kontra jew iġibu fix-xejn it-termini ta' tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Afton Charlene Borda. Fl-eventwalità li hemm tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Afton Charlene Borda, huma t-termini ta' tali ordni jew ftehim li jipprevalu fuq l-ezenzjoni limitata konċessa b'din is-sentenza u tal-kondizzjoni E imsemmija għall-finijiet ta' l-Ordni ta' Trażżin hawn maħruġ fil-konfront ta' l-imputat.

Fid-dawl tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni u Rinviju ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikoli 383 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dan il-każ ma tressqitx prova ta' danni kawżati mill-imputat lil Afton Charlene Borda, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In fine l-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 412D u 532B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**